Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Ottubru 2021
(OR. en)

13245/21
ADD 5

EF 318
ECOFIN 1028
CCG 54
CODEC 1374

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0341(COD)**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 28 ta' Ottubru 2021 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | SWD(2021) 321 final |
| Suġġett: | DOKUMENT TA’ ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 575/2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta’ kreditu fir-rigward tar-rekwiżiti għar-riskju tal-kreditu, ir-riskju tal-aġġustament tal-valwazzjoni tal-kreditu, ir-riskju operazzjonali, ir-riskju tas-suq u l-limitu minimu tal-output Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2013/36/UE fir-rigward tas-setgħat superviżorji, is-sanzjonijiet, il-fergħat ta’ pajjiżi terzi, u r-riskji ambjentali, soċjali u ta’ governanza, u li temenda d-Direttiva 2014/59/UE |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2021) 321 final.

---

Mehmuż: SWD(2021) 321 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.10.2021
SWD(2021) 321 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

**SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

***Li jakkumpanja d-dokument***

**Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 575/2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu fir-rigward tar-rekwiżiti għar-riskju tal-kreditu, ir-riskju tal-aġġustament tal-valwazzjoni tal-kreditu, ir-riskju operazzjonali, ir-riskju tas-suq u l-limitu minimu tal-output**

**Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2013/36/UE fir-rigward tas-setgħat superviżorji, is-sanzjonijiet, il-fergħat ta' pajjiżi terzi, u r-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza, u li temenda d-Direttiva 2014/59/UE**

{COM(2021) 663 final} - {SEC(2021) 380 final} - {SWD(2021) 320 final}

MT MT

| Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv |
|---|
| Valutazzjoni tal-impatt dwar proposta li temenda r-Regolament (UE) 575/2013 u d-Direttiva 2013/36/UE |
| **A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni** |
| **X'inhi l-problema u għaliex hi problema fil-livell tal-UE?** |
| B'risposta għall-kriżi finanzjarja l-UE tat bidu għal riforma wiesgħa tal-qafas prudenzjali għall-banek, bil-għan li tiżdied ir-reżiljenza tas-settur bankarju tal-UE. Wieħed mill-elementi ewlenin tar-riforma kien jikkonsisti **fl-implimentazzjoni ta' standards internazzjonali maqbula mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja**, speċifikament l-hekk imsejħa "riforma ta' Basel III". Bis-saħħa ta' din ir-riforma, is-settur bankarju tal-UE kien f'sitwazzjoni reżiljenti meta bdiet il-kriżi tal-COVID-19. Madankollu, filwaqt li kollox ma' kollox il-livell ta' kapital fil-banek tal-UE issa huwa sodisfaċenti bħala medja, uħud mill-problemi li ġew identifikati wara l-kriżi finanzjarja għadhom ma ġewx indirizzati. B'mod partikolari għad hemm żewġ problemi ewlenin. L-ewwel nett, il-metodi standard li jużaw il-banek biex jikkalkulaw ir-rekwiżiti kapitali tagħhom (l-hekk imsejħa "approċċi standardizzati") ma jkoprux b'mod tajjeb biżżejjed ir-riskji li huma esposti għalihom il-banek (jiġifieri mhumiex sensittivi biżżejjed għar-riskju), li jwassal għal rekwiżiti kapitali inadegwati (għoljin wisq jew baxxi wisq). Dan jista' jaffettwa b'mod negattiv l-attivitajiet tal-banek. It-tieni, il-metodi sofistikati li jistgħu japplikaw b'mod partikolari l-banek il-kbar (l-hekk imsejħa "approċċi ta' mudelli interni") jipproduċu rekwiżiti kapitali differenti ħafna għal riskji simili jew saħansitra identiċi. Dan jagħmilha diffiċli biex jitqabblu l-proporzjonijiet kapitali fost il-banek u jdgħajjef il-fiduċja f'dawn il-proporzjonijiet u għalhekk fil-banek li jużaw mudelli interni. Barra minn hekk, għal ċerti tipi ta' assi, ma hemmx biżżejjed *data* ta' kwalità tajba biżżejjed biex ikun possibbli mmudellar affidabbli u robust tar-rekwiżiti kapitali. Għaldaqstant, il-banek li jużaw mudelli interni għal dawk l-assi jaf ikollhom kapital insuffiċjenti biex ikopru r-riskji assoċjati.<br><br>Lil hinn mill-ħtieġa li jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet billi titlesta r-riforma ta' wara l-kriżi maqbula fil-livell internazzjonali, it-tranżizzjoni lejn ekonomija aktar sostenibbli tinvolvi riskji għall-banek, li se jkollhom jiġġestixxu sew biex jiżguraw l-istabbiltà finanzjarja. L-Istrateġija għall-Finanzi Sostenibbli enfasizzat il-ħtieġa li tiġi inkluża integrazzjoni aħjar tar-riskji klimatiċi u ambjentali fil-qafas prudenzjali tal-UE. Waħedhom, ir-rekwiżiti legali preżenti mhumiex biżżejjed biex jipprovdu inċentivi għal **ġestjoni sistematika u konsistenti tar-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza (environmental, social and governance, ESG)** mill-banek.<br><br>Qasam ieħor ta' fokus huwa l-infurzar xieraq tar-regoli prudenzjali. Is-superviżuri għandhom rwol kruċjali f'dan ir-rigward. Is-superviżuri jeħtieġ li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom l-għodod u s-setgħat meħtieġa għal dan il-għan (pereżempju s-setgħat biex jawtorizzaw il-banek u l-attivitajiet tagħhom, jivverifikaw l-adegwatezza tal-ġestjoni tagħhom, jew jissanzjonawhom f'każ li jiksru r-regoli). Filwaqt li l-leġiżlazzjoni tal-UE tiżgura livell minimu ta' armonizzazzjoni, is-sett ta' għodod u l-proċeduri superviżorji jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor. Dan **ix-xenarju regolatorju frammentat fid-definizzjoni ta' ċerti setgħat u għodod disponibbli għas-superviżuri kif ukoll l-applikazzjoni tagħhom** fl-Istati Membri jimmina l-kundizzjonijiet ekwivalenti fis-Suq Uniku u jqajjem dubji dwar l-immaniġġar sod u prudenti tal-banek tal-UE u s-superviżjoni tagħhom. Din il-problema hija partikolarment akuta fil-kuntest tal-Unjoni Bankarja. Id-differenzi fid-19-il sistema legali differenti jipprevjenu l-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku milli jwettaq il-funzjonijiet superviżorji tiegħu b'mod effettiv u effiċjenti. Barra minn hekk, il-gruppi bankarji transfruntieri jkollhom jittrattaw għadd ta' proċeduri differenti għall-istess kwistjoni prudenzjali, bir-riżultat li l-kostijiet amministrattivi tagħhom jiżdiedu b'mod indebitu.<br><br>Id-dixxiplina fis-suq hija għodda importanti oħra. Sabiex l-investituri jeżerċitaw ir-rwol tagħhom ta' |

monitoraġġ tal-imġiba tal-banek, irid ikollhom aċċess għall-informazzjoni meħtieġa. **Id-diffikultajiet attwali relatati mal-aċċess għall-informazzjoni prudenzjali** jċaħħdu lill-parteċipanti fis-suq mill-informazzjoni li jeħtieġu dwar is-sitwazzjonijiet prudenzjali tal-banek. Fl-aħħar mill-aħħar dan inaqqas l-effettività tal-qafas prudenzjali għall-banek u potenzjalment iqajjem dubji dwar ir-reżiljenza tas-settur bankarju, speċjalment f'perjodi ta' stress.

**X'għandu jinkiseb?**

Din l-inizjattiva ssegwi żewġ objettivi ġenerali: li tikkontribwixxi għall-istabbiltà finanzjarja u li tikkontribwixxi għall-finanzjament stabbli tal-ekonomija fil-kuntest tal-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19. Dawn jistgħu jinqasmu f'objettivi aktar speċifiċi:

i) it-tisħiħ tal-qafas tal-kapital ibbażat fuq ir-riskju, mingħajr żidiet sinifikanti fir-rekwiżiti kapitali b'mod kumplessiv;

ii) it-titjib tal-fokus fuq ir-riskji ESG fil-qafas prudenzjali;

iii) armonizzazzjoni ulterjuri tas-setgħat u l-għodod superviżorji; u

iv) it-tnaqqis tal-kostijiet amministrattivi tal-banek relatati mad-divulgazzjonijiet pubbliċi u titjib tal-aċċess għad-*data* prudenzjali tal-banek.

**X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?**

L-objettivi segwiti mill-miżuri previsti jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni aktar milli minn inizjattivi nazzjonali differenti peress li jirrappreżentaw aġġustamenti u aġġornamenti għar-regoli eżistenti tal-UE. Dawn il-problemi u l-kawżi sottostanti huma l-istess fl-Istati Membri kollha u d-differenzi potenzjali għandhom x'jaqsmu mal-imġiba u mal-mudell kummerċjali tal-banek individwali, u mhux mal-post fejn jinsabu fl-Unjoni.

**B. Soluzzjonijiet**

**X'inhuma l-għażliet differenti biex jinkisbu l-objettivi? Hemm għażla ppreferuta jew le? Jekk le, għaliex?**

**Xenarju bażi.** Ix-xenarju bażi jkun li r-regoli eżistenti jitħallew kif inhuma.

**Għażliet ta' politika.** Fil-valutazzjoni tal-impatt jitqiesu l-għażliet ta' politika ta' livell għoli li ġejjin:

- l-għażliet ikkunsidrati b'rabta mat-titjib tal-qafas prudenzjali attwali għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital ibbażat fuq ir-riskju huma: (1) li jiġu implimentati l-elementi finali tar-riforma ta' Basel III kif miftiehma litteralment fil-livell internazzjonali; (2) li jiġu implimentati b'ċerti aġġustamenti biex iqisu l-ispeċifiċitajiet tal-UE, u (3) li jiġu implimentati bl-aġġustamenti u bl-arranġamenti tranżizzjonali b'risposta għall-kriżi tal-COVID-19 (l-għażla ppreferuta);
- fir-rigward **tar-reġistrazzjoni ddedikata tar-riskji ESG fil-qafas prudenzjali**, l-għażliet ikkunsidrati huma (1) l-introduzzjoni ta' miżuri għal ġestjoni aħjar tar-riskji ESG mill-banek (l-għażla ppreferuta), u (2) l-adattament tar-rekwiżiti kapitali minimi biex jirriflettu r-riskji ESG;
- fir-rigward **tat-titjib tal-konsistenza fl-applikazzjoni tas-setgħat superviżorji**, l-għażliet ikkunsidrati huma (1) li jiġu ċċarati u kkomplementati ċerti dispożizzjonijiet dwar is-setgħat superviżorji u ta' sanzjonar waqt li l-Istati Membri jibqa' jkollhom biżżejjed flessibbiltà, u (2) li jiġi żgurat livell akbar ta' armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar is-setgħat superviżorji u ta' sanzjonar billi titnaqqas il-flessibbiltà tal-Istati Membri (l-għażla ppreferuta); u
- fir-rigward **tat-tnaqqis tal-kostijiet tad-divulgazzjoni u tat-titjib tal-aċċess tas-suq għall-informazzjoni prudenzjali tal-banek**, l-għażliet ikkunsidrati huma li l-Awtorità Bankarja Ewropea

(ABE) tkun obbligata tipprovdi aċċess elettroniku uniku (1) għad-divulgazzjonijiet kwantitattivi biss tal-banek tal-UE jew (2) anki għad-divulgazzjonijiet kwalitattivi tagħhom (l-għażla ppreferuta).

**X'inhi l-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha?**

Kollox ma' kollox, il-partijiet ikkonċernati jaqblu dwar il-ħtieġa li jimplimentaw l-elementi finali tar-riforma ta' Basel III, imma għandhom fehmiet diverġenti dwar kif dan jenħtieġ li jseħħ. Is-superviżuri jieħdu approċċ konservattiv u jippreferu implimentazzjoni leali ta' dawk l-istandards, mentri l-industrija finanzjarja targumenta favur li jsiru diversi aġġustamenti għal dawk l-istandards u li l-impatti tar-riforma jinfirxu fuq diversi snin.

Il-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati (il-banek, is-superviżuri, is-soċjetajiet ċivili) jirrikonoxxu li r-rekwiżiti prudenzjali tal-banek iridu jirriflettu r-riskji ESG u ħafna jaqblu li kwalunkwe bidla fir-rekwiżiti ta' kapital trid tkun ibbażata fuq evidenza solida ta' differenzjali tar-riskju fuq il-bażi ta' fatturi ESG, li ma jqisux li huma disponibbli fil-preżent.

Il-fehmiet tas-superviżuri u tal-banek dwar bidliet potenzjali fis-sett ta' għodod superviżorji u l-qafas tal-valutazzjoni ta' kompetenza u idoneità jiddependu fil-biċċa l-kbira fuq il-prattiki attwali tagħhom iżda b'mod ġenerali huma ta' appoġġ.

Kollox ma' kollox, il-fehmiet huma wkoll pożittivi dwar l-inizjattiva biex jiġi ċentralizzat ir-rappurtar superviżorju u d-divulgazzjoni pubblika: il-maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati tal-industrija kienu favur l-approċċ filwaqt li s-superviżuri indikaw il-ħtieġa li jiġi indirizzat tħassib dwar aspettattivi żbaljati li l-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) tkun responsabbli għall-kwalità tal-informazzjoni żvelata mill-banek.

**C. Impatti tal-għażla ppreferuta**

**X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?**

L-implimentazzjoni tal-għażla ppreferuta li jiġu implimentati l-elementi finali tar-riforma ta' Basel III tkun ittejjeb l-affidabbiltà u r-robustezza tal-qafas prudenzjali tal-banek u b'hekk iżżid ir-reżiljenza tas-settur bankarju tal-UE. Dan ikollu effetti pożittivi biex irawwem it-tkabbir ekonomiku fl-UE fuq perjodu medju u twil. B'mod partikolari, ir-riformi jnaqqsu s-severità ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku futur permezz ta' tnaqqis kemm fil-probabbiltà kif ukoll fl-intensità ta' kriżijiet bankarji futuri.

Barra minn hekk, l-aġġustamenti l-oħra tal-qafas prudenzjali i) jgħinu biex jiġi żgurat li l-banek tal-UE jimmaniġġaw kif xieraq it-tranżizzjoni lejn ekonomija aktar sostenibbli, ii) jiffaċilitaw l-applikazzjoni tal-ġabra unika tar-regoli u iii) inaqqsu l-piż amministrattiv u regolatorju għall-banek u għas-superviżuri tagħhom.

**X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?**

Bl-implimentazzjoni tal-għażla ppreferuta u l-kunsiderazzjoni tal-miżuri kollha fil-proposta, ir-rekwiżiti kapitali minimi tal-banek tal-UE mistennija li fit-terminu twil jiżdiedu b'+6,4 % sa +8,4 % fil-medja ponderata (sal-2030) wara l-perjodu tranżitorju previst. Fit-terminu medju (fl-2025), iż-żieda mistennija li tkun fil-firxa ta' bejn +0,7 % u +2,7 %.

Skont l-estimi pprovduti mill-ABE, dan l-impatt jista' jwassal biex għadd limitat ta' banek kbar tal-UE (10 minn 99 bank fil-kampjun tat-test) jiġbru kollettivament ammonti ta' kapital addizzjonali (inqas minn EUR 27 biljun għall-10 banek) biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda ta' kapital minimu skont l-għażla ppreferuta. Sabiex dan l-ammont jitqiegħed f'perspettiva, id-99 bank fil-kampjun (li jirrappreżentaw 75 %

tal-assi bankarji tal-UE) kellhom ammont totali ta' kapital regolatorju b'valur ta' EUR 1 414-il biljun fi tmiem l-2019 u kellhom profitti kkombinati ta' EUR 99,8 biljun fl-2019.

Filwaqt li l-banek iġarrbu kostijiet amministrattivi u operazzjonali ta' darba biex jimplimentaw il-bidliet fir-regoli, is-simplifikazzjonijiet implikati minn bosta mill-għażliet preferuti (pereżempju l-eliminazzjoni ta' approċċi mmudellati internament) mistennija li jnaqqsu l-kostijiet rikorrenti meta mqabbla mal-lum.

**X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?**

L-għażliet ta' politika preferuti jkunu jikkonfermaw il-miżuri eżistenti mmirati biex jimminimizzaw kwalunkwe impatt fuq is-self lill-SMEs. Barra minn hekk, ma fihomx miżuri li jkollhom impatt negattiv sinifikanti fuq is-self lill-SMEs. Finalment, l-għażliet preferuti li jikkontemplaw miżuri li huma mmirati biex inaqqsu l-kostijiet tal-konformità għall-banek, b'mod partikolari għal dawk iżgħar u inqas kumplessi, jistgħu, jekk it-tnaqqis tal-kostijiet jiġi mgħoddi, inaqqsu l-kostijiet tas-self għall-SMEs.

Filwaqt li r-riforma tista' żżid il-kostijiet għal xi banek tal-UE fiż-żmien qasir, għal perjodu medju u twil dawn isiru aktar reżiljenti fil-konfront ta' skossi ekonomiċi, biex l-investituri jerġgħu jiksbu fiduċja fis-settur bankarju tal-UE. Dan imbagħad inaqqas il-kostijiet tal-finanzjament tagħhom u għalhekk iżid il-kompetittività tal-banek tal-UE fil-konfront tal-pari internazzjonali tagħhom.

**Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?**

Ma huma mistennija l-ebda impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali.

**Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?**

Ma huwa previst l-ebda impatt sinifikanti ieħor.

**Proporzjonalità?**

L-għażliet preferuti fihom miżuri li huma meqjusa meħtieġa strettament biex jintlaħqu l-objettivi msemmija hawn fuq.

**D. Segwitu**

**Meta se tiġi rieżaminata l-politika?**

L-evalwazzjoni tal-impatt ta' dan il-pakkett se titwettaq ħames snin wara li l-leġiżlazzjoni tidħol fis-seħħ, f'konsistenza mal-metodoloġija li sar qbil dwarha qabel ma tnediet l-evalwazzjoni.